ĦAL QORMI
Citta' Pinto

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI (Città Pinto) IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 22 IL-ĦAMIS, 3 TA' NOVEMBRU 2016**

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu,li jinsab fl-indirizz 392, Triq il-Vitorja, Ħal Qormi, nhar il-Ħamis, 3 ta' Novembru 2016 fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI (Tmien Kunsilliera)**

Rosianne Cutajar – Sindku
Ralph Puli – Kunsillier
Bjorn Azzopardi – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia – Kunsillier
Renald Falzon – Kunsillier
Josef Aquilina – Kunsillier
Martina Brancaleone – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Jesmond Aquilina – Viċi Sindku
Robert Reno Cremona – Kunsillier
Antoine Saliba Haig - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kenneth Brincat – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ippresjediet il-laqgħa.

Is-Sindku bdiet billi qalet it-talba u infurmat lill-Kunsill li din is-seduta kienet qegħda tiġi *streamed live* fuq il-websajt www.lc.gov.mt.

**22/01/01 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 20**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Nru. 20 li nżammet nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru 2016, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Renald Falzon issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 20 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**22/01/02 MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 21**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Minuti tas-Seduta Urġenti Nru. 21 li nżammet nhar il-Ġimgħa 14 ta' Ottubru 2016, minuti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija.

**Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi issekonda l-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-minuti.**

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**Il-Minuti tas-Seduta Numru 20 ġew approvati** u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

**22/02 MILL-MINUTI / KOMUNIKAZZJONIJIET**

**22/02/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill ressaq it-talba għad-devoluzzjoni tal-Mitħna lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li min-naħa tagħhom għaddewha lid-Dipartiment tal-Artijiet.

**22/02/02** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill ġie avviċinat mill-kumpanija WEEE Malta fejn offriet li tagħti servizz ta' ġbir ta' oġġetti elettroniċi mill-Kunsill billi tipprovdi trolley li jitpoġġa fil-bini tal-Kunsill li jitbattal minnhom. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem f'din l-iskema li se tkun qed tiġi vvarata permezz ta' Konferenza Stampa li se ssir fil-bini tal-

Kunsill Lokali Ħal Qormi nhar it-Tlieta, 15 ta' Novembru, 2016 fil-11.00am.

**22/02/03** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li wara li l-Kunsill ġie infurmat li rebaħ l-ewwel premju fil-Mobility Action Awards, hija ressqet proposta (dokument anness) tal-perit tal-Kunsill fejn qed jiġi ssuġġeriet li dan il-proġett ikun estiż fuq aktar tard fejn il-proġett ikun mifrux fuq tlett snin. L-istima tal-perit hija ta' Eur80,000 fejn l-ewwel Eur50,000 huma ffinanzjati mill-premju, filwaqt li Eur30,000 jitħallsu mill-Kunsill mifruxa fuq tlett snin. Il-Kunsill approva b'mod unanimu din il-proposta.

**DOK 'A'**

**22/02/04** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** infurmat lill-Kunsill li l-Kunsill għadda filmati lill-Pulizija ta' rimi ta' skart fi Triq il-Vitorja minn individwi li joqogħdu fl-akkwati, kif ukoll fi Triq San Pawl. Barraminnhekk ġie mgħoddi filmat ieħor lill-Pulizija li juri tfal qed jivvandalizzaw merry-go-round fi Ġnien Federico Maempel. Intant, il-Kunsill ħa deċiżjoni biex tinbidel din il-*merry-go-round* ħalli jitneħħa l-periklu.

**22/02/05** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lill-Kunsillier Bjorn Azzopardi biex jagħti dettalji dwar l-programm tal-attivitajiet ta' Jum Dinji tat-Tfal. Il-Kunsillier Bjorn Azzopardi informa lill-Kunsill li l-attivita' se ssir fil-Palazz tal-Verdala fil-24 ta' Novembru u se jkunu qed jipparteċipaw madwar 100 tifel u tifla mill-Iskejjel Primarji ta' San Sebastjan u San Ġorġ. Il-programm jinkludi Puppet Show minn 4teenth Productions (għall-prezz ta' Eur150 li l-Kunsill approva nem.con), sessjoni dwar riċiklar minn Green Pak, sessjoni edukattiva mill-Kummissarju tat-Tfal, u sessjoni edukattiva mill-LESA. Il-Kunsillier ġew mħeġġa biex jattendu.

**22/02/06** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** spjegat li għaddiet sena oħra u jidher li l-Presepju Mekkanizzat Permanenti mhux se jkun lest għal dan il-Milied. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din il-materja u għandu jinforma lill-aħwa Borg li l-Kunsill se jkun qed jagħtihom l-aħħar ċans u jekk l-presepju mhux se jkun lest u miftuħ għall-pubbliku fil-Milied tas-sena 2017, il-Kunsill se jkun qed jesiġi li jiżgumbraw il-post fi Ġnien de La Cruz.

**22/03** **MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERA**

**22/03/01** **Il-Kunsillier Ralph Puli** saqsa dwar jekk il-Kunsill irceviex riposta mis-Sovratindenza tal-Patrimonju Malti dwar il-mistoqsijiet li bagħat il-Kunsill rigward l-iżvilupp li se jseħħ fl-art bejn Triq it-Tiġrija u Triq Qormi. **Is-Segretarju**

**Eżekuttiv Kenneth Brincat** irrisponda li l-Kunsill baqa' bla risposta minkejja li ntbagħtu anke *reminders*. Il-Kunsillier Ralph Puli talab biex il-Kunsill jibgħat ittra ta' kundanna ta' dan l-atteġjament min-naħa tas-Sovratindenza tal-Patrimonju Malti. Il-Kunsill approva *nem.con*.

**22/04 PAGAMENTI GĦAX-XAHAR TA' OTTUBRU 2016**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti għax-xahar ta' Ottubru 2016, dokumenti li kienu ċċirkulati u li ttieħdu bħala moqrija u wara ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

**DOK 'A1-3'**

**a)** Pagamenti li għad iridu jsiru għax-xahar ta' Ottubru 2016
**b)** *Bank Payments* Ottubru 2016
**c)** *Petty Cash* Ottubru 2016

Saret spjega tal-pagamenti mressqa u wara s-Sindku ppproponiet l-approvazzjoni tal-pagamenti kollha.

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** ssekonda.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-pagamenti kollha.

**22/05 MOZZJONIJIET**

**22/05/01 MOZZJONI 42/2016 (VII)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet din il-mozzjoni għad-diskussjoni:

*Nipproponi biex il-Bordijiet tal-Aġġudikazzjoni għall-Offerti imsemmija hawn taħt ikun iffurmati hekk:*

*Sejħa tal-Offerti : Restawr tal-Istatwa tal-Madonna f'tal-Blat*
*Chairperson: Rosianne Cutajar*
*Membri: Jesmond Aquilina, Ralph Puli, Josef Aquilina,*
*Tender Coordinator: Kenneth Brincat (Segretarju Eżekuttiv)*

*Sejħa tal-Offerti : Introduzzjoni ta' Parking Sensors (Mobility Action)*

*Chairperson: Rosianne Cutajar*
*Membri: Ralph Puli, Renald Falzon, Bjorn Azzopardi.*
*Tender Coordinator: Kenneth Brincat (Segretarju Ezekuttiv)*

*Sejħa tal-Offerti : Introduzzjoni ta' Eco-Bikes*
*Chairperson: Rosianne Cutajar*
*Membri: Ralph Puli, Antoine Saliba Haig, Marvin Zammit, Robert Cremona.*

*Tender Coordinator: Kenneth Brincat (Segretarju Ezekuttiv)*
**DOK 'B'**

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** il-mozzjoni nru 42/2016.

**22 /06 RAPPORTI**

**22/06/01 RAPPORT MILL-BORD TAL-GĦAŻLA DWAR IMPJIEG TA' PERSUNA B' DIZABILITA' (SKEMA CIES)**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq ir-Rapport mill-Bord tal-Għażla dwar l-Impjieg ta' persuna b'Diżabilita taħt l-iskema mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv Kenneth Brincat spjega li l-Bord tal-Għażla ffurmat mis-Sindku Rosianne Cutajar, mis-Segretarju Eżekuttiv u mill-Kunsillier Josef Aquilina, wara li għamel l-intervisti lill-applikanti kollha, jirrakkomanda li l-impjieg jingħata lil Andre' Cassar. **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet mozzjoni biex il-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord. **DOK 'C'**

**Il-Kunsilliera kollha** ssekondaw din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** ir-rapport tal-Bord tal-Għażla u għaldaqstant għandu jiġi ffirmat il-kuntratt ta' impjieg mal-impjegat il-ġdid skont il-kriterji stabbiliti mill-iskema mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**22/06/02 ABBOZZ TAL-OFFERTA TA' ĠBIR TA' SKART GOFF**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq l-Abbozz tal-Offerta ta' Ġbir ta' Skart Goff, liema offerta għandha tiġi ppubblikata fil-jiem li ġejjin. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li din l-offerta hija bħal dik preċedenti fejn iżda qed titlob dikjarazzjoni mill-offerent li ma kellux tliet jew aktar default notices mill-Kunsilli Lokali f'dawn l-aħħar tlett snin u li l-vettura trid tkun EuroV. Is-Sindku Rosianne Cutajar ressqet dan l-abbozz għall-approvazzjoni. **DOK 'D'**

**Il-Kunsillier Josef Aquilina** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-abbozz u s-sejħa tal-offerta għandħa tiġi ppublikata permezz tas-sistema elettronika epps.

**22/06/03 QUARTERLY FINANCIAL REPORT AS AT 30 SEPTEMBER 2016**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar** stiednet lis-Segretarju Eżekuttiv iressaq l-*Quarterly Financial Report* sat-30 ta' Settembru 2016. Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq dan ir-rapport u spjega li l-Kunsill għandu pożizzjoni pożittiva fl-FSI peress li għandu ta' 28.05%. Il-**Kunsillier Renald Falzon** ressaq dan ir-rapport għall-approvazzjoni.
**DOK 'E'**

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** ssekonda din il-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur Tmien** Kunsilliera (08) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda (0) Astensjoni.

**Il-Kunsill unanimament approva** l-abbozz u s-sejħa tal-offerta għandħa tiġi ppublikata permezz tas-sistema elettronika epps.

**22/07 KORRISPONDENZA**

**22/07/01** **Is-Sindku Rosianne Cutajar** ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill din il-korrispondenza dwar:

**DOK 'F 1-8'**

1. Dwar Ċirkolari 35/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, il-Kunsill Lokali qabel li għandu japplika għal din l-Iskema relatata ma' proposti ta' proġett fil-litteriżmu fejn l-Kunsill se jkun qed japplika għal *After School Programme* u taħriġ lill-ġenituri kif jgħinu lit-tfal fl-istudji tagħhom.

2. Dwar proposta minn Transport Malta sabiex issir junction fi Triq l-Imdina, u l-vetturi minn Triq Luqa jgħaddu minn Misraħ iż-Żebbuġ, il-Kunsill ma qabilx ma' din il-proposta għaliex tmur kontra l-kunċett li t-traffiku għandu jinżamm fuq l-arterji prinċipali u mhux jagħmel użu minn toroq residenzjali. Il-Kunsill jemmen ukoll li s-soluzzjoni hija li terġa tinfetaħ Triq l-Imdina, il-parti tat-triq li mir-roundabout l-kbira tagħti għal Triq l-Ingiered.

3. Dwar talba minn resident biex Pjazza Federico Maempel tkun one-way min-naħa ta' Triq l-Oratorju, il-Kunsill approva u għandu jressaqha għall-konsultazzjoni tar-residenti u wara għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

4. Dwar ittra mill-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri, il-Kunsill approva d-data tal-Festival Malta Records biex isir fid-19 ta' Novembru 2016 minkejja li fil-kuntratt dan il-festival suppost sar f'Mejju.

5. Dwar disinn mill-perit William Lewis sabiex is-Salib tad-Dejma jitressaq fuq in-naħa l-oħra tat-triq, il-Kunsill qabel li dan għandu jsir fil-parti ta' fuq tal-Iskola tal-Ħandaq u mhux kif immarkat fid-disinn mill-perit. Il-Kunsill qabel li għandha ssir l-applikazzjoni għand l-Awtorita' tal-Ippjanar għat-tmexxija u r-restawr tiegħu.

6. Dwar rapport mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilita' rigward nuqqas ta' aċċessibilita' fi Triq San Bartolomew, il-Kunsill ma qabilx fejn hemm oġġetti fil-bankina impoġġija minn terzi persuni bħalma hija Telephone box, Bollard u torġien ta' proprjeta privata, fejn il-Kunsill għandu jinforma lill-KNPD li l-Kunsill m'għandux kompetenzi ta 'infurzar u dan l-allegati illegalitajiet għandhom jiġu rrapurtati lill-awtoritajiet kompetenti u mhux lill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali huwa responsabbli mill-manutenzjoni u tal-bankina u mhux mill-infurzar.

7. Dwar ittra minn resident li bagħat lill-President ta' Malta rigward l-iżvilupp bejn Triq Qormi u Triq it-

Tiġrija, il-Kunsill ħa nota ta' din il-korrispondenza fejn il-Kunsill diġa ħa pożizzjoni dwar dan il-każ fis-seduta urġenti li saret fit-14 ta' Ottubru 2016

**8.** Dwar ittra mill-kerrej tal-gabbana ta' Ġnien De La Cruz, il-Kunsill qabel li l-kirja tibda minn meta jingħata d-dawl f'din il-gabbana. Dan peress li d-dawl ġie maqtugħ mill-Enemalta peress li kien hemm kont pendenti u minkejja li tħallas mill-Kunsill dan id-dawl baqa' ma ġiex ikkonnetjat. Għaldaqstant, ladarba l-kerrej ma setax jagħmel użu mill-gabbana minħabba nuqqas ta' dawl, il-Kunsill qabel li jagħmel l-arranġamenti mal-Enemalta u l-kirja tibda tgħodd mill-ġurnata li l-provvżjoni tal-elettriku tiġi mqabbda mill-ġdid.

**22/08 AĠĠORNAMENT**

**Is-Sindku Rosianne Cutajar aġġornat il-laqgħa.**

Kien maqbul li l-laqgħa li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 5 ta' Diċembru 2016 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:20 ta' filgħaxija.

Rosianne Cutajar
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Eżekuttiv

Minuti kkonfermati llum it-Tnejn **, 5 ta' Diċembru** 2016.